**15 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Camelo Zammit La Rosa

*versus*

Franco Fachetti

**Lokazzjoni d'Opera — Rinnovazzjoni.**

*Għalkemm fil-liġi tagħna, bħal f'liġijiet oħra, ma hemmx dispożizzjoni espressa li tipprovdi għar-rilokazzjoni ta' kuntratt ta' kiri ta' xogħol jew servizz ("opera"), kif hemm għar-rigward tal-kuntratt ta' kiri ta' ħwejjeġ ("cose"), ma jidherx li hemm dubju illi r-rilokazzjoni hija possibbli anki fil-kuntratt ta' lokazzjoni d'opera; u għalhekk, jekk fl-għeluq taż-żmien stipulat fil-kuntratt il-lokatur tal-opera jibqa' jippresta l-opera tiegħu u l-konduttur jibqa' jirċeviha u jħallas għaliha, mingħajr ma jsir ebda ftehim ġdid, ikun hemm rinnovazzjoni ossija rilokazzjoni taċita.*

*Imma din ir-rilokazzjoni għandha titqies li saret għal żmien indeterminat; b'mod illi, jekk it-terminu tal-ftehim oriġinarju kien għal żmien determinat, ir-rilokazzjoni ma għandhiex titqies li saret għal żmien ieħor ugwali għal dak it-terminu hekk oriġinarjament miftiehem, imma li saret mingħajr żmien, ammenokkè ċ-ċirkustanzi ma jkunux juru xort'oħra. U hekk, wara l-għeluq tal-kuntratt espress, ikun hemm rilokazzjoni taċita waħda biss, li tibqa' sejra sakemm il-partijiet jitterminawha.*

*In kwantu għall-klawsoli u pattijiet tal-kuntratt oriġinali, però, ma jistgħax jingħad b'mod assolut li dawn jiġu taċitament*

*rinnovati kif kienu qabel. Għalkemm l-opinjoni prevalenti tal-awturi tidher li hija fis-sens illi, bħala regola, għar-rikonduzzjoni taċita jgħoddu l-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-kuntratt oriġinarju, jista' jkun hemm xi klawsoli jew kondizzjonijiet li għandhom jitqiesu stipulati "rebus sic stantibus", u li ma għandhomx jitqiesu ripetuti fir-rinnovazzjoni, indotta merament mill-kunsens taċitu tal-partijiet, meta fil-fattispeċje ċ-ċirkustanzi li għalihom dawn il-klawsoli jirrapportaw ruħhom ikunu dbiddlu, u kwindi ma jistgħax jiġi preżunt il-kunsens taċitu għalihom fir-rinnovazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni kollha, billi permezz ta' skrittura tal-31 ta' Ottubru 1956 (dok. A) l-attur kien impjega miegħu bħala "fresatore finisaggista", bil-patt u kondizzjoni, fost oħrajn, li fit-tmiem tal-impjeg, għal kwalunkwe motiv jew kawża, il-konvenut kellu jitlaq minn Malta fi żmien jumejn u ma jirritornax qabel ma jkunu għaddew sentejn mit-tluq tiegħu, u bis-sanzjoni espressa li f'każ ta' vjolazzjoni ta' dik l-obligazzjoni l-konvenut iħallas lill-attur, b'titolu ta' penali u bħala rifużjoni ta' danni, is-somma ta' £500; u billi l-konvenut meta spiċċa l-impjeg tiegħu mal-attur, f'Settembru 1959, ma telaqx minn Malta, iżda stabbilixxa ruħu f'dan il-pajjiż; talab li l-konvenut, prevja fil-bżonn id-dikjarazzjoni li hu kkommetta vjolazzjoni tal-imsemmija obligazzjoni tiegħu assunta fil-preċitata skrittura, li jitlaq minn Malta fi żmien jumejn mit-terminazzjoni tal-impjeg tiegħu mal-attur, jiġi kundannat li jħallas lill-attur is-somma ta' £500 a titolu ta' penali u bħala rifużjoni ta' danni; bl-imgħax legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 1959. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Diċembru 1959;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal li d-domanda attriċi hija nfondata, peress li l-kuntratt tal-31 ta' Ottubru 1959 (dok. A), li fuqu l-attur qiegħed jibbaża d-domanda tiegħu, kien għal sena waħda biss mill-1 ta' Novembru 1956, u għalhekk l-effetti tal-istess kuntratt

spiċċaw mad-dekorrenza tas-sena, ċjoè fil-31 ta' Ottubru 1957; u illi in sussidju, il-klawsola tal-paragrafu 4 hija ta' natura lleċita fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li kienu magħrufa lill-attur, billi kienet intiża bħala mpożizzjoni morali fuq il-volontà u liberta tal-konvenut. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li biha qal li d-domanda tal-attur ma tistgħax tiġi milqugħa, għaliex il-kuntratt ġie terminat 'per mutuo consenso', u għalhekk il-partijiet irrinunzjaw għad-drittijiet u obligi reċiproċi derivanti mill-istess kuntratt; subordinatament, u mingħajr preġudizzju, il-paragrafu 8 tal-kuntratt jitkellem fuq vjolazzjoni tal-impenji assunti fil-paragrafi 3 u 4 konġuntament, u mhux separatament, u għalhekk billi mill-provi jirriżulta li l-eċċipjent ma vvjolax l-impenji talart. 3, l-azzjoni tal-attur hija ntempestiva;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Mejju 1961, li biha t-talba tal-attur ġiet miċħuda, bl-ispejjeż mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat;

Illi mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li l-attur qiegħed jippretendi li l-konvenut għandu jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £500 a titolu ta' penali u bħala rifużjoni ta' danni talli kiser il-klawsola numru 4 tal-iskrittura li tinsab fil-fol. 4 tal-proċess, in data tal-31 ta' Ottubru 1956, in kwantu kien obliga ruħu li fit-terminazzjoni talimpjeg mal-attur, għal kwalunkwe motiv jew kawża, huwa (il-konvenut) kellu jitlaq minn Malta fi żmien jumejn u ma jerġgħax lura f'dawn il-Gżejjer qabel ma jkunu għaddew sentejn mit-tluq tiegħu;

Ikkunsidrat;

Mill-provi li nstemgħu jidher li l-kontendenti fil-31 ta' Ottubru 1956 stipulaw bejniethom il-lokazzjoni tal-opera li tinsab imniżżla fl-iskrittura eżibita fil-fol. 4 tal-proċess. F'dik l-istess skrittura id-durata tal-obligazzjoni ġiet fissata għal sena mill-1 ta' Novembru 1956. Kif skadiet dik is-sena il-kontendenti baqgħu mexjin bl-istess rapport ġuridiku, u ċjoè l-instanti baqa' jaċċetta s-servizz, u l-

konvenut baqa' jippresta l-opera tiegħu lill-attur, bl-istess salarju u faċilitajiet li kellu qabel. Fil-kors ta' dawn l-aħħar relazzjonijiet ġuridiċi bejn l-istess kontendenti, il-konvenut fil-31 ta' Awissu 1957 inoltra talba għan-nazzjonalità ingliża, li ġiet lilu konċessa fis-16 ta' Novembru 1959. Fit-18 ta' Awissu 1959 l-attur informa bil-miktub lill-konvenut li ried jittermina l-kuntratt, jew aħjar ir-rapport ġuridiku ntervenut bejniethom (dok. A fol. 4 tal-proċess), u tah pre-avviż jew għamillu diffida ta' xahar, li l-konvenut aċċetta (dok. D fol. 9). In segwitu, il-konvenut fetaħ ħanut ta' ċabattin f'Malta, u wara xi ftit xhur li fetħu beda jbiegħ b'kummissjoni xi żraben lesti ta' ditta oħra, li mhux dik tal-attur, li huwa industrijali. Din l-attività tal-konvenut baqgħet ċirkoskritta u limitata għax-xogħol ta' sempliċi ċabattin u espożizzjoni fil-ħanut tiegħu ta' żraben b'sempliċi kummissjoni ta' ditta ta' Dr. Antonio Pace, li ħariġlu l flus biex jiftaħ il-ħanut ta' ċabattin, imma mhux fil-kwalità ta' dak li fil-kummerċ jissejjaħ "salesman". Jingħad però, li l-attur, anki waqt li l-konvenut kien fl-impieg tiegħu, ippermettielu, wara x-xogħol tal-fabbrika, jagħmel dak l-istess xogħol ta' ċabattin. Il-konvenut, fl-annu 1955, iżżewweġ maltija u għandu tfal minnha, u l-lum għamel hawn ir-residenza tiegħu, L-attur, meta ġie konfrontat b'dawn il-fatti, avanza l-att ta' ċitazzjoni odjern;

Illi l-konvenut oppona għat-talba attriċi:— (1) L-assenza ta' klawsola rinnovatorja fil-kuntratt oriġinali tirrendi l-istess pattijiet u kondizzjonijiet ineffikaċi jekk jiskadi ż-żmien tal-kuntratt u dan, wara dik l-iskadenza, jitkompla; (2) il-klawsola numru 4 hija illeċita, u l-istess, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, noti lill-attur, tammonta għal impożizzjoni morali fuq il-volontà u liberta tal-konvenut; (3) il-kuntratt ġie terminat b'mutwu kunsens tal-kontendenti, u kwindi l-attur irrinunzja għad-drittijiet tiegħu, u l-konvenut mhux tenut għal ebda obligu derivanti mill-kuntratt; (4) mingħajr preġudizzju ta' dak li ntqal fuq, il-klawsola numru 8 tal-kuntratt tikkontempla violazzjoni konġuntiva tal-impenji kontemplati fil-klawsoli 3 u 4, u mhix applikabbli għalihom separatament u ndividwalment, u billi l-konvenut ma naqasx mil-klawsola numru 3, l-azzjoni *hija ntempestiva*;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, fejn il-konvenut isostni t-teżi li huwa, wara li skada l-kuntratt, meta fil-fatt kompla jagħti s-serviġi tiegħu lill-attur, ma kellux il-ħsieb jirrinnova l-kuntratt, iżda li jippresta l-opera tiegħu prekarjament, ma tistgħax tiġi aċċettata bil-favur. Lanqaš ma tista' tiġi akkolta t-teżi li fin-nuqqas ta' patt "ad hoc" fil-kuntratt oriġinarju li l-istess jista' jirrinnova ruħu filkaż li wara l-iskadenza tal-kuntratt il-partijiet kontraenti jkomplu r-rapport ġuridiku; l-patti u l-kondizzjonijiet ma jkunux effikaċi b'mod assolut. Infatti, skond il-prinċipji ġenerali tad-Dritt, il-kuntratt tal-opera jista' jiġi perfezzjonat, u jista' jitwieled, tant espressament kemm ukoll taċitament; u jekk b'dan il-mod jista' jitwieled, loġikament u naturalment jitnissel li l-istess jista' jiġi b'dak l-istess mod rinnovat;

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in dizamina, jiddixxendi naturalment li l-kuntratt "de quo", li sorġa blskrittura konsaputa, u per konsegwenza espressament, skada wara t-terminu ta' sena mid-data fissata għall-bidu tiegħu; u jekk wara l-iskadenza ta' dik l-istess durata fissata mil-kontraenti dawn baqgħu jmexxu l-quddiem l-istess rapport ġuridiku ntervenut bla kitba ġdida, u bla kliem, u bis-sempliċi attività u fatt "sic et sempliċiter", huwa ġust u ekwu li għandu jiftiehem li l-attur baqa' jaċċetta u jħallas l-opra li l-konvenut baqa' jippresta kif qabel kienu jagħmlu, b'mod li jista' jingħad li bejniethom taċitament kien qiegħed jiġi rinnovat perijodikament l-istess rapport ġuridiku bir-rinnovazzjoni tal-istess patti, modalitajiet u kondizzjonijiet, li "kunsens taċitu jista' jippresupponi";

Ġew sottolineati l-aħħar kliem. il-għaliex fid-dottrina l-aktar aċċettata, għall-finijiet tar-rinnovazzjoni taċita, dimostrattivament ċerti patti huma esklużi għal raġunijiet varjanti, sew ta' indoli legali, sew ta' indoli straordinarja (ara, għall-fini tal-prinċipji ġenerali tad-Ddritt dwar il-kondizzjoni taċita, applikabbli anki għall-lokazzjoni tal-opera, u dwar l-eċċezzjonijiet għan-non-rinnovazzjoni tal-patti oriġinarji fir-rikonduzzjoni taċita, art. 1625 tal-Kodiċi Ċivili; Troplong, Della Locazione para 881; Pothier, Della

Locazione, para. 372, u għall-eċċezzjonijiet para. 364 u ta' wara; Pacifici Mazzoni, Commento al Codice, Della Locazione, para. 213 (Cammelli 1912) konċernenti "la riconduzione delle cose", applikabbli għall-lokazzjoni tal-opra, u dwar l-eċċezzjonijiet para. 214; u Barassi, Contratto del Lavoro, Valume 11, pagina 278 u 279, para. 75 in fine, li però jammetti r-rinnovazzjoni taċita, imma b'mod assolut anki tal-patti kollha, li din il-Qorti tirriżerza li titkellem fuqu in kwantu għall-assoluta rinnovazzjoni tal-patti, bla ma ssemmi eċċezzjonijiet, aktar tard);

Illi, għalkemm in prinċipju, kwindi, it-taċita rikonduzzjoni dottrinarjament in ġenerali hija kunsidrata bħala kuntratt "ex novo", li jimplika li l-partijiet ikunu rriproduċew il-kondizzjonijiet u l-klawsoli oriġinarjament stipulati, iżda però dawk il-pattijiet jiddependu għar-rinnovazzjoni tagħhom minn dak li l-istess kunsens taċitu jista' jippresupponi. Dwar il-klawsola, però, tad-durata jew żmien tal-kuntratt oriġinarju, li hija kwistjoni wisq dibattuta fil-kamp dottrinarju, din il-Qorti tippropendi, di fronti għall-oxxillazzjonijiet "in subjecta materia" għad-dottrina l-aktar aċċettata tal-estensjoni għal żmien indeterminat (ara Pacifici Mazzoni, Commento al Codice, edizione Cammelli 1912, para. 298, paġ. 499; Monografia di Tommaso Bruno, Locazione, para. 276, paġ. 1191; Dig. Ital. Vol. XIV; Barassi, Contratto del Lavoro Vol. II, paġ. 279, para. 75);

Illi minn dana jitnissel illi l-fatt li ma kienx hemm fil-kuntratt oriġinarju klawsola tar-rinnovazzjoni ma jħassarx li bil-mod kif operaw il-kontendenti fir-relazzjonijiet ġuridiċi bejniethom huma operaw rikonduzzjoni taċita għal żmien indeterminat tal-istess rapport ġuridiku li kien intervjena bejniethom bil-modalitajiet u patti li l-kunsens taċitu seta' jippresupponi; fuq liema pattijiet straordinarji din il-Qorti tirriżerva li titkellem aktar tard, wara li tiżgombra t-terren mill-eċċezzjonijiet l-oħra konvenuti, li jirrigwardaw il-pattijiet hemm imsemmija;

Illi t-tieni oppożizzjoni tal-konvenut hija li l-patt numru 4 tal-kuntratt jammonta, taħt iċ-ċirkustanzi noti lill-attur, għal impożizzjoni morali fuq il-volontà u l-libertà tal-konvenut, u kwindi huwa illeċitu u null;

Illi, traskurati għall-mument "iċ-ċirkustanzi tal-każ noti lill-attur", jingħad li l-patt tal-limitazzjoni tal-attività lavorattiva ta' ħaddiem għal determinat ċirkondarju mhux "per sè" in ġenerali illeċitu, u huwa ammess fid-dottrina; basta li jkun temperat. Intqal li dak il-patt irid ikun temperat, vwoldiri raġjonevoli; u din il-Qorti taġġunġi li l-istess ma jridx ikun ottenut per mezz ta' vjolenza materjali jew morali. Biex tesperimenta ruħha dik il-koerċizzjoni u soġġezzjoni morali tal-ħaddiem (il-għaliex dwar vjolenza materjali mhemmx għalfejn nitkellmu, għax l-effetti legali tagħha huma ben noti, u fil-każ ma jirriżultax li qatt irrikorriet) di fronti għall-industrijali, l-istess ma tridx tkun dik is-soġġezzjoni li teżisti fl-ordni naturali tal-affarijiet, il-għaliex il-preżenza ta' din is-soġġezzjoni naturali u spontanea tal-bniedem ħaddiem di fronti għad-datur tax-xogħol tiegħu ma tħassarx, speċjalment il-lum u għall-epoka tal-kuntratt intervenut bejn il-kontendenti, li l-istess jittratta "alla pari" ma' persuna tal-kondizzjoni tal-attur dwar rapport ġuridiku li jinteressah. Kieku l-portata naturali u spontanea li titnissel mis-soġġezzjoni li bniedem ikollu versu kontraent ieħor tinfiċja l-pattijiet tal-konvenzjoni, allura kien ikun wisq diffiċli tiddetermina meta l-istess patti ntervenuti f'kuntratt jistgħu jingħadu li huma validi. Minn dawn il-vjolenzi allegati mid-difensur tal-konvenut ma jidher li rriżulta xejn mill-provi;

Illi, inveċe jirriżulta li l-konvenut, meta għamel il-kuntratt mal-attur, kien sudditu taljan domiċiljat l-Italja, u l-limitazzjoni apposta kellha, u għandha, kif jidher mill-iskrittura, karattru ta' lontananza temporanea raġjonevoli għal min ma kienx sudditu malti, u mhux ġa perpetwu jew ta' xi skadenza ta' żmien twil ħafna, u limitata għaċ-ċirkondarju limitat ta' dawn il-Gżejjer, li l-konvenut ma kienx jirrikonoxxi bħala domiċilju permanenti tiegħu; u kwindi dik l-istess klawsola kienet leċita u valida (ara Pacifici Mazzoni, Commento al Codice, Della Locazione, para. 290, paġina 486 in fine — Cammelli 1912), u ma pperikolatx il-libertà tiegħu. Del resto it-teżi tan-nullità radikali ta' klawsola simili għandha dejjem id-difett tal-oriġini; u dan l-għaliex titnissel mill-viżjoni defiċjenti ta' nteressi li jkunu fil-lok meta isir kuntratt, u kwindi għandha l-marka tal-unilateralità. Infatti, jekk l-interess tal-ħaddiem għan-

du jiġi tutelat, huma ugwalment denji ta' rispett u tutela l-interessi ta' min jagħti x-xogħol; u fil-konflitt bejn dawn iż-żewġ interessi l-kontraenti, meta jaslu biex jagħmlu l-kuntratt, ikunu ġuridikament fuq pjan ugwali u liberu li jaslu għal ftehim; liema konvenzjoni ma tikkontjenix ebda attakk għal-libertà perpetwa jew eżaġerata tad-durata ta' għażla tax-xogħol tal-ħaddiem, imma biss tillimitaha bħala salvagwardja għall-interessi ta' min jagħti x-xogħol lill-istess ħaddiem;

Illi, stabbilit in ġenerali dan li fuq intqal dwar il-klawsola li fuqha saret diskussjoni, jingħad li dik l-istess klawsola, rigwardata mill-punto di vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, ben noti lill-attur, għat-termini tal-eċċezzjoni, pjuttost tirrigwarda l-effikaċja tagħha meta saret ir-rinnovazzjoni taċita tal-kuntratt; u taħt dan il-punt din il-Qorti sejra aktar tard tittrattaha skond ir-riżerva li għamlet fil-korp ta' din is-sentenza dwar il-klawsola li għandhom ikunu ntiżi li huma presupposti fil-kunsens taċitu u li ssemmiet meta ġiet trattata l-ewwel eċċezzjoni;

Illi dwar it-tielet eċċezzjoni, fis-sens li, meta l-instanti ddiffida lill-konvenut milli jkompli l-kuntratt rinnovat, il-konvenut aċċetta d-diffida, dan ma jfisserx li l-istess kuntratt ġie xjolt "per mutuo consenso". Meta l-prinċipal jilliċenzja għal xi raġuni mpjegat, irid jew ma jridx, l-impjegat ikollu jieqaf milli jagħti s-servizz tiegħu, salvo li l-prinċipal jadempixxi d-dmir tiegħu dwar iż-żmien tad-diffida u dwar il-merċedi, skond il-każ, kif trid il-liġi. B'dan il-fatt il-prinċipal ma jkunx qiegħed jirrinunzja għal ebda drittijiet li huwa jista' jkollu kontra l-impjegat derivanti mill-kuntratt, jekk l-istess ikunu jipprotaw ruħhom għal wara t-terminazzjoni; l-għaliex allura l-kuntratti ma jkunux jfissru xejn, u kulħadd, "ad libitum", jista' jinjorahom;

Illi kwindi din l-eċċezzjoni ma għandhiex forza ta' loġika u lanqas legali, u fil-fehma ta' din il-Qorti għandha tiġi miċħuda;

Illi dwar ir-raba' eċċezzjoni, mogħtija bla preġudizzju

tal-preċedenti, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, hija kuntrarja għall-vera ntenzjoni tal-partijiet u għall-kelma tal-iskrittura, interpretata bil-penetrazzjoni li jistħoqqilha. Infatti, il-kawsola numru 8 kienet intiża li tassoġġetta lill-konvenut għall-penali tant għall-każ rikadenti tal-vjolazzjoni msemmija taħt in-numru 3 kif ukoll dik li taqa' taħt il-vjolazzjoni tal-patt numru 4, li jikkontemplaw żewġ kondizzjonijiet separati u ndividwi. Il-kelmiet "impegni sopra assunti" kontenuti fil-patt 8 huma pattijiet individwi, bħal ma jidher mill-konċett tagħhom, u mhux konġuntivi, kif illoġikament irid isostni l-konvenut;

Illi, di konsegwenza, lanqas din l-eċċezzjoni ma tista' tiġi milqugħa bil-favur għall-finijiet proposti fl-eċċezzjoni konvenuta;

Illi, żgumbrat it-terren mill-oppożizzjonijiet li ġew proposti għall-eżami u determinazzjoni ta' din il-Qorti, ma jibqgħax għal dan it-tribunal ħlief l-eżami tar-riżerva li saret wara l-ewwel eċċezzjoni u d-determinazzjoni tagħha;

Illi l-kwistjoni li għandha tiġi finalment deċiża minn din il-Qorti hija jekk, meta saret ir-rinnovazzjoni taċita tal-kuntratt "de quo", kienx jista' jiġi preżunt u presuppost, taħt iċ-ċirkustanzi, li l-konvenut aderixxa wkoll għall-klawsola numru 4, u jekk dik l-istess klawsola taħt iċ-ċirkustanzi "di fatto" riżultati għandhiex jew le tiġi kunsidrata bħala ta' natura straordinarja;

Illi huwa tajjeb li jiġi premess li:— (1) L-iskrittura saret fil-31 ta' Ottubru 1956, b'inizju mill-1 ta' Novembru 1956; (2) il-kuntratt skada fil-31 ta' Ottubru 1957, u ġie rinnovat taċitament l-ewwel darba mill-1 ta' Novembru 1957, u baqa hekk perijodikament jirrinnova ruħu sal-15 ta' Settembru 1959, bil-pre-avviż mogħti fit-18 ta' Awissu 1959; (3) fid-9 ta' Ottubru 1955 il-konvenut iżżewweġ ma' xebba maltija u l-lum għandu t-tfal minnha, u allura kien għadu suddittu taljan, mentri l-lum sar suddittu ngliż u huwa domiċiljat Malta; (4) fil-31 ta' Awissu 1957 inoltra domanda biex jieħu n-nazzjonalità ingliża, u wieħed mill-persuni li għamlulu attestat ta' riferenza ta' karattru tajjeb u lealtà kien l-istess attur (ara fol. 43 tergo, it-tielet riferenza);

(5) fis-16 ta' Novembru 1959 ġiet lilu konċessa n-nazzjonalità ingliża;

Illi minn dan jitnissel li fil-kors tar-rinnovazzjonijiet għal żmien indeterminat wara l-ewwel rinnovazzjoni, il-konvenut kien talab fil-kors tar-rinnovazzjoni sussegwenti perijodiċi biex isir sudditu ngliż, u ta' dan kien pjenament konsapevoli l-attur. Waqt il-kors ta' dik il-proċedura, kwindi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-konvenut fir-rinnovazzjonijiet ma setgħax taċitament jiġi presuppost li ried jirrinnova l-klawsola numru 4; l-għaliex dik il-presuppożizzjoni kienet tiġi timporta li, jekk jittermina l-kuntratt, huwa kien ikollu jassenta ruħu għal sentejn minn dawn il-Gżejjer u jitlef il-benefiċċju li huwa kien irrikorra għalieh. Min jagħmel talba għall-kabjament ta' nazzjonalità jagħmilha bil-fehma u tama soda li tiġi aċċettata, u kwindi ma jistgħax jiġi taċitament preżunt li bir-rinnovazzjonijiet perijodiċi l-konvenut ried jannulla, jew aħjar jinnewtralizza, dik l-istess talba, li l-attur kien jaf biha, kif fuq intqal u ma hemmx kwistjoni li ġie assodat;

Jingħad, għall-grazzja tal-argument, li l-kuntratt tal-kontendenti baqa' jirrinnova ruħu sa wara s-16 ta' Novembru 1959, data meta t-talba tal-konvenut għall-assunzjoni tan-naturalizzazzjoni ġiet lilu konċessa, u wara dik id-data l-attur, għal kwalsijasi raġuni, pona terminu għall-kuntratt, u kieku r-rinnovazzjonijiet kellhom jittieħdu bħala kunsens taċitu b'mod assolut għall-pattijiet u kondizzjonijiet kollha (bħal ma jsostnu l-Barassi fil-post fuq ċitat, u li din il-Qorti tħoss li ma tistgħax taqbel miegħu fuq dan il-punt partikulari), il-konsegwenza naturali kienet tkun li sudditu ngliż kien ikollu jitlaq mill-pajjiż ta' għażla tiegħu u d-domiċilju proprju u tal-familja tiegħu sabiex imur band'oħra għal sentejn — dak li din il-Qorti tħoss li ma huwiex raġjonevoli. Jista' jiġi obbjettat li l-konvenut, meta ġie terminat il-kuntratt kellu biss l-isperanza tal-assunzjoni tan-nazzjonalità mitluba u li għaliha kien irrikorra; imma, apparti dak li fuq intqal dwar il-presuppost kunsens, id-dritt "in spe" huwa wkoll dritt li fil-progress taż-żmien jista' jsir "in actu", kif f'dan il-każ fil-fatt sar: u kwindi, sakemm jippermani f'dak l-istat, jista' jiġi tutelat. Din il-Qorti terġa' ttenni li l-attur kien a konjizzjoni tal-fatt li l-konvenut

kien inoltra t-talba għan-naturalizzazzjoni, u kwindi ma setgħax mill-parti tiegħu jippresupponi li taċitament il-konvenut, bir-rinnovazzjonijiet taċiti perijodiċi, kien qiegħed jirrinunzja għall-proċedura minnu inizjata; anzi kellu jippresupponi li dwar dik il-klawsola l-konvenut ma kienx qiegħed taċitament jakkonsenti;

Illi kwindi, di fronti għaċ-ċirkustanzi ben konoxxuti mill-attur, il-klawsola 4 kienet ta' natura straordinarja, u bir-rinnovazzjonijiet taċiti tal-kuntratt l-istess ma ġietx rinnovata malli l-attur kien jaf bl-intenzjoni li l-konvenut ried jassumi n-nazzjonalità li huwa talab għaliha;

Illi n-novità tal-kwistjoni u l-materji diskussi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, jissuġġerixxu temperament fil-kap tal-ispejjeż;

Rat in-nota tal-appell tal-attur; u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi minflok milqugħa t-talba tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tal-attur għaliex irriteniet illi l-klawsola numru 4 tal-kuntratt fol. 4, bħala klawsola ta' natura straordinarja, ma ġietx, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, konoxxuti mill-attur, rinnovata fir-rinnovazzjonijiet taċiti ta' dak il-kuntratt malli l-attur kien jaf bl-intenzjoni tal-konvenut li jieħu n-nazzjonalità ingliża u għamel talba għaliha;

L-ilment tal-attur appellant hu li b'dak il-mod l-Ewwel Onorabbli Qorti ħolqot preżunzjoni kuntrarja għal-liġi, għad-dottrina, u anki għall-verosimiljanza tal-fatti, mentri jekk hemm lok għal preżunzjonijiet, dawn għandhom ikunu favur il-konservazzjoni, anki fil-perijodu tar-rikonduzzjoni, tal-pattijiet kollha regolanti l-impjeg, u jekk tiġi pretiża xi modifika din trid tiġi pruvata eżawrijentement;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li jidhru l-aktar rilevanti jistgħu jerġgħu jiġu rikapitolati kif ser jingħad;

Il-konvenut, li kien ċittadin taljan domiċiljat l-Italja u residenti Milan, ġie l-ewwel darba jaħdem hawn Malta fit-22 ta' Ottubru 1952, u dam jaħdem hekk sal-15 ta' Settembru 1954. F'din l-okkażjoni l-ftehim kien sar biss bil-fomm. Matul dak il-perijodu ta' kważi sentejn, il-konvenut, fit-30 ta' Mejju 1953, iżżewweġ hawn Malta ma' mara taljana li mietet ftit aktar minn sena wara fid-19 ta' Awissu 1954, ċjoè waqt illi l-konvenut kien għadu fl-impjeg tal-attur;

Il-konvenut, meta spiċċa mill-impjeg tiegħu mal-attur, mar lura għal xi żmien f'pajjiżu, iżda hu reġa' lura Malta f'Novembru 1954 bħala mpjegat ta' Cardona, li dak iż-żmien kellu fabbrika tal-basktijiet tan-nisa u valiġġi, iżda kien beda jarma wkoll fabbrika taż-żraben li kienet ser tkun konkorrenti tal-azjenda tal-attur. Ma' Cardona l-konvenut ħadem sa Marzu 1956. Waqt dan l-impjeg ma' Cardona l-konvenut, fid-9 ta' Ottubru 1955, reġà żżewweġ hawn Malta xebba maltija. Dak iż-żmien hu kien għadu ċittadin taljan;

Meta l-konvenut spiċċa minn ma' Cardona, hu pprova jagħmel il-prattiki biex jemigra l-Awstralja; iżda billi dawn ma rnexxewx, hu reġà avviċina lill-attur biex jara jekk jerġgħax jibda jaħdem miegħu. Il-konvenut, kif qal fix-xhieda tiegħu fol. 32, kellem lill-attur u qallu li kien preparat jerġa jmur jaħdem miegħu, u ftehmu x'kienu jkunu l-kondizzjonijiet; u dawn huma dawk li hemm fl-iskrittura fol. 4 tal-proċess. Iżda ntant il-konvenut kellu jmur lura Milan. Wara li kien ilu xi ħames xhur Milan, hu rċieva minn għand l-attur, tramite l-konslu ngliż kuntratt simili għal dik l-iskrittura, u hu ffirmah, billi l-konslu tah il-permess biex jista' jerġa jiġi jaħdem Malta. Meta kien għadu Milan, hu ried li l-mara tiegħu titla' l-Italja bit-tifel, però hi ma segwietux u qaltlu li jekk irid jara t-tifel jiġi Malta. Eventwalment il-konvenut, fit-22 ta' Ottubru 1956, reġà ġie lura Malta u ffirma l-kuntratt fol. 4;

Fil-31 ta' Awissu 1957 (ċjoè meta kienet għadha mixja

l-ewwel sena ta' dan l-impjeg mal-attur), il-konvenut għamel talba għaċ-ċittadinanza ngliża, u wieħed mit-tliet persuni li tawh "reference" ta' kondotta tajba u lealtà fuq il-formola tal-applikazzjoni kien l-istess attur;

Wara li għalqet l-ewwel sena tal-impjeg ma sar ebda diskors bejn il-partijiet dwar il-kontinwazzjoni jew rinnovazzjoni tiegħu, iżda l-konvenut baqa' jaħdem u jagħti s-servizz tiegħu bħal qabel, u l-attur baqa' jikkorispondi minn naħa tiegħu l-ħlas u l-prestazzjonijiet l-oħra (alloġġ, vakanzi) ukoll bħal qabel. L-impjeg spiċċa fil-15 ta' Settembru 1959, għax itterminah l-attur per mezz tas-sensja;

Iċ-ċittadinanza ngliża ġiet mogħtija f'Novembru 1959, ċjoè wara li l-impjeg tal-konvenut mal-attur kien spiċċa għal kollox;

Ikkunsidrat;

Issa, il-kwistjoni prinċipali hi jekk il-patt numru 4 tal-kuntratt in kwistjoni għandux jitqies li baqa' vinkolanti għall-konvenut wara li għalqet is-sena stipulata f'dak il-kuntratt;

Ġa ntqal illi ftehim ieħor ġdid espress ma sarx;

Fil-liġi tagħna, bħal f'liġijiet oħra, fil-waqt li hemm dispożizzjoni espressa li tipprovdi għar-rilokazzjoni taċita għar-rigward ta' kiri ta' ħwejjeġ ("cose"), ma hemm ebda dispożizzjoni għar-rigward tal-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jew servizz ("opera"). B'dan kollu ma jidherx li jista' jkun hemm dubju, skond id-dottrina komunement aċċettata u skond il-ġurisprudenza estera, illi din ir-rilokazzjoni hi possibbli, u għandha tiġi rikonoxxuta, anki rigward dan il-kuntratt. Hekk, per eżempju, il-Pothier jgħid:— "Pare che la tacita riconduzione debbe altresì aver luogo dei serviġi dei domestiċi e degli operai" (Trattato, Tom. II, P. II Contratto di Locaz. § 372). It-Troplong jgħid:— "Dopo che la locazione è terminata collo spirare del termine, può ricominciare per tacita riconduzione, poichè la taċita riconduzione ha luogo parimenti per i servigi dei domestiċi ed operai" (Locazione, § 88). Pacifici Mazzoni jgħid:— "Se, spira-

to il tempo stabilito nel contratto, il domestico o l'operaio continua a prestare le opere, e il padrone a riceverle, s'intende convenuta una tacita riconduzione di opere" (Locaz. § 299);

Iżda fuq dan il-prinċipju ġenerali ma hemmx għalfejn wieħed jelabora, għax din hi dottrina, tista' tgħid, unanimi tal-awturi kollha. Id-differenzi bejniethom jirrigwardaw pjuttost l-estensjoni u l-kondizzjonijiet tar-rinnovazzjoni tar-rapport lokatizju;

Kwantu għaż-żmien li għalieh jitqies li ssir ir-rikonduzzjoni taċita kien hemm awturi li rritenew illi "la tacita riconduzione delle opere s'intende fatta per lo stesso tempo che fu assegnato alla locazione" (Riccci, Corso, ed. 1882, Vol. 8, § 212). Il-Barassi, fl-opra tiegħu "Il-Contratto di Lavoro", jgħid illi din hija t-teorija dominanti; u jiċċita, oltre r-Ricci, anki l-Gouillard u t-Tartufari. Iżda dan ma jidherx li hu hekk. Hu stess jirritejni illi r-rinnovazzjoni, fil-każ ta' dubju, għandha titqies "a tempo indeterminato, e non si ritenga rinnovata la veccha clausola contenente la determinazione del tempo" (p. 818-819, § 325). Ta' din l-opinjoni huwa wkoll il-Paċifici Mazzoni (op. ċit. § 299). Hekk ukoll il-Baudry-Lacantinerie, li jgħid illi r-rikonduzzjoni titqies kontratta għal żmien indeterminat, ammenokkè ċ-ċirkustanzi ma jurux xort'oħra (Vol. XXI, § 3063);

Anki l-ġurisprudenza tidher li hi prevalentement f'dan is-sens. "Spirato un contratto di locazione d'opera di durata prestabilita, per esempio di un quinquennio, e continuandosi dal locatore a prestare l'opera propria con annuenza del conduttore, si ha una rilocazione tacita senza determinazione di tempo" (Fadda, art. 1627, § 376);

L-Ewwel Onorabbli Qorti abbraċċjat din l-aħħar teorija; u din il-Qorti hi tal-istess fehma;

Issa, jekk dan huwa hekk, allura, fil-każ preżenti kien hemm rilokazzjoni taċita "waħda biss", ċjoè dik li avverat ruħha meta għalqet is-sena stipulata espressament fil-kuntratt fol. 4. In vista ta' dan, mhux preċiż il-kliem tas-sentenza appellata "rinnovazzjonijiet perijodiċi", jew "rinno-

vazzjonijiet għal żmien indeterminat wara l-ewwel rinnovazzjoni". Rinnovazzjoni saret waħda biss, wara l-ewwel ta' Novembru 1957, u dın kienet għal żmien indeterminat, li baqa' sejjer kontinwat sakemm eventwalment l-attur ittermina l-kiri permezz tal-liċenza li ta' lill-konvenut;

Għall-finijiet prattiċi, però, dan ma għandux f'dan il-każ rilevanza kbira, peress illi ċ-ċirkustanza li fuqha l-aktar ibbażat ruħha l-Ewwel Onorabbli Qorti, ċjoè it-talba da parti tal-konvenut għas-sudditanza ngliża saret fil-31 ta' Awissu 1957, ċjoè qabel ma ġrat ir-rinnovazzjoni taċita fuq imsemmija;

Issa, l-ewwel kwistjoni, kif ġa ntqal, hija jekk il-klawsola 4 tal-kuntratt (s'intendi, kombinata mal-klawsola 8) għandhiex titqies li ġiet ripetuta b'dik ir-rinnovazzjoni taċita;

Ma donnux li jista' jkun hemm dubju illi ,kwantu għall-kondizzjonijiet u pattijiet tal-kuntratt, apparti ż-żmien, l-opinjoni prevalenti tal-awturi tidher li hi illi, bħala regola, għar-rikonduzzjoni taċita jgħoddu l-istess pattijiet u kondizzjonijiet tal-kuntratt oriġinarju. Il-Baudry jgħid:— "Le condizioni del nuovo contratto sono quello dell'antico. Specialmente il prezzo è il medesimo" (loc. ċit.). Il-Barassi, aktar enfatiku, jgħid:— "Che si intendano riprodotte le condizioni e le clausole originariamente stipulate non dovebbe essere controverso" (op. ċit., p. 818 § 325). Tal-istess opinjoni jidher li hu Tommaso Bruno fil-monografija tiegħu fid-Digesto Italiano (voce Locazione) Vol. XVI, § 275, p. 1191;

Għal din l-istess konklużjoni kien ikollna naslu wkoll kieku kellna napplikaw b'analoġija stretta d-dispożizzjoni tal-art. 1625 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna, li jiddisponi illi fir-rilokazzjoni taċita ta' ħwejjeġ ("cose") ir-rinnovazzjoni ssir (ħlief kwantu għaż-żmien) "on the same conditions and with the same rights and duties" tal-kuntratt ta' qabel (salvi, s'intendi, dispożizzjonijiet oħra partikulari). B'dan kollu din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti illi, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi għar-rigward tal-kiri ta' xogħol u serviġi simili għall-art. 1625 fuq im-

semmi, ma tistgħax fil-każijiet kollha ssir dik il-ġeneralizzazzjoni, bla ma jittieħed kaž ta' distinzjonijiet li jistgħu juru ruħhom neċessarji jew raġjonevoli fil-kwadru taċ-ċirkustan[illegible]. Kif josserva l-istess Barassi, ir-rinnovazzjoni taċita ta' dan il-kuntratt ta' xogħol ma għandhiex tiġi dixxiplinata rigorożament bl-analoġija fondamentali differenzjali bejnietnom. L-istess liġi tagħna, li fl-art. 1716 espressament applikat għall-kiri ta' xogħol u serviġi ċerti dispożizzjonijiet tal-kiri ta' ħwejjeġ, ma ddisponiet xejn dwar ir-rilokazzjoni taċita, kif għamlet għal dak il-kiri l-ieħor fl-imsemmi art. 1625;

Il-Barassi, fuq ċitat, jinsisti illi wieħed għandu jħares partikolarment lejn l-intenzjoni preżunta tal-partijiet. Dak li hu jgħid b'riferenza partikulari għall-kwistjoni taż-żmien tar-rinnovazzjoni, għandu loġikament, fil-fehma tal-Qorti, jgħodd ukoll għal ċerti pattijiet u kondizzjonijiet oħra speċjali. "Certe clausole, come la determinazione del tempo, sono il riflesso di determinati bisogni cui al tempo della stipulazione del primo contratto bisognava provvedere. Perchè mai si dovrà ritenere che questi bisogni si siano tutti, e nello stesso modo e nella stesa misura, rinnovati ora, al tempo della rilocazione. Perchè ricondurre forzatamente le parti nell'orbita di questi bisogni? A me pare che, trattandosi di un nuovo rapporto, lo si debba giudicare con criteri 'ex novo'; quindi lo si debba, nel dubbio, ritenere a tempo indeterminato, e non si ritenga rinnovata la vecchia clausola contenente la determinazione del tempo" (op. ċit. p. 819). Dan hu sens komun;

Il-verità hi li fil-kuntratt oriġinali jista' jkun hemm pattijiet u klawsoli li għandhom jitqiesu stipulati "rebus sic stantibus", u li ma għandhomx jitqiesu ripetuti fir-rinnovazzjoni, indotta merament mill-kunsens taċitu tal-partijiet, meta fil-fattispeċje ċ-ċirkustanzi li għalihom dawk il-klawsoli jirrapportaw ruħhom ikunu dbiddlu, u kwindi ma jistgħax jiġi preżunt il-kunsens taċitu għalihom fir-rinnovazzjoni;

Ta' din ix-xorta, fil-fehma ta' din il-Qorti kif tal-Ewwel Onorabbli Qorti, hija l-klawsola in kwistjoni;

Meta l-konvenut iffirma l-kuntratt kontenenti dik il-klawsola, hu kien għadu ċittadin taljan, u d-domiċilju tiegħu kien l-Italja. Veru hu li kien diġà żżewweġ mara maltija, iżda hu kien għad ma għamelx id-domiċilju tiegħu Malta; tant, illi fi żmien viċin għall-aċċettazzjoni tal-kuntratt, waqt li hu kien f'pajjiżu, Milan, hu ried li l-mara bit-tifel (li sadattant kien twelidlu) issegwieh hemmhekk. F'dawk iċ-ċirkustanzi, kif allura kienu, dak il-patt ma kien fih xejn partikolarment anormali u gravus; ma kienx jimporta ħlief illi, meta jispiċċa l-impjeg mal-attur, il-konvenut jerġa jirritorna lejn pajjiżi, molto pjù illi l-konvenut, bħala frustier, anqas seta' jibqa' Malta, kieku ried, bla permess speċjali. Infatti, kif xehed l-istess attur, qabel ma ġie regolarment firmat il-kuntratt bil-permess debitu tal-Awtoritajiet, il-konvenut, minħabba l-liġi tal-"aliens", kellu jitlaq lejn l-Italja (fol. 18). L-attur xehed ukoll illi huwa għamel id-durata tal-kuntratt għal sena għax kellu l-impressjoni li l-frustieri ma setgħux joqgħodu hawn Malta aktar minn sena (fol. 20). Sa anki wara li spiċċa l-impjeg u l-attur kien ġa qajjem il-kwistjoni preżenti, l-attur kien għadu jaħseb illi l-konvenut, bħala frustier, ma setgħax jibqa' Malta, u kien jistenna illi l-Awtoritajiet jespellu lill-konvenut minn Malta (fol. 10);

F'dawn iċ-ċirkustanzi u b'dawn l-impressjonijiet ma kien hemm xejn straordinarju illi l-partijiet jiftehmu, dak iż-żmien, fuq dak il-patt;

Iżda, wisq probabbilment, anki għaliex il-mara kienet irrifjutat li tmur l-Italja meta l-konvenut talabha kif intqal fuq, u kienet qaltlu li jekk irid jara t-tifel jiġi Malta (fol. 33), il-konvenut iddeċieda, waqt illi kienet korrenti s-sena pattwita, illi jibdel iċ-ċittadinanza u jsir sudditu ngliż, biex ikun jista' jibqa' hawn Malta bla tfixkil, jekk ikun irid, apparti forsi minn vantaġġi oħra li seta' ried ukoll jottjeni; u fil-31 ta' Awissu 1957 hu għamel it-talba għan-naturalizzazzjoni (fol. 43). Dwar din l-attur ma kienx għal kollox sinċier mal-Qorti, meta xehed. Hu qal illi sar jaf b'din it-talba għaliex il-konvenut, mingħajr ma qallu, fl-applikazzjoni tiegħu indika lilu bħala l-persuna li tikkonoxxieh, u l-Gvern Imperjali bagħatlu l-karta biex jistaqsieh fuqu, u b'hekk sar jaf li kien sejjer jibdel is-sudditanza (fol. 19). Dan ov-

vjament ma setgħax kien hekk. Il-formola tat-talba, qabel ma tinbagħat, trid tkun kompletata minn kollox, kompriżi r-"references", u waħda minn dawn ir-"references" hi firmata minn idejn l-attur bid-data tal-ewwel ta' Settembru 1957, ċjoè l-għada li ffirma l-formola u ħalifha l-konvenut;

Din it-talba għan-nazzjonalità ingliża, fil-kawdru taċ-ċirkustanzi tal-familja tal-konvenut, kienet tikkostitwixxi ċirkustanza ġdida ta' tant importanza, illi l-attur innifsu xehed li, kieku kien jaf bl-idea tal-konvenut li jbiddel iċ-ċittadinanza, ma kienx jagħmel dan il-kuntratt miegħu (fol. 19);

Hawn qiegħed, fil-fehma tal-Qorti, il-veru qofol tal-kwistjoni. Infatti, quddiem dikjarazzjoni bħal din tal-attur innifsu, hu addirittura mpossibbli li tista' tkun valida l-pretensjoni tiegħu. Hu stess, kieku dik iċ-ċirkustanza kienet teżisti qabel, u kien jaf biha, ma kienx jagħmel il-kuntratt; u "a fortiori" żgur ma kienx, anqas biss joħlom li jipproponi l-klawsola in kwistjoni. Bl-istess mod għandu raġjonevolment jiġi maħsub li klawsola bħal dik ma kienetx sejra tiġi aċċettata mill-konvenut;

Preċiżament għall-istess raġuni, ġa ladarba dak il-kambjament fondamentali taċ-ċirkustanzi ġara qabel ma ġie biex jiġi rinnovat il-kuntratt, ma hux la raġjonevoli u lanqas verosimili li jiġi maħsub illi l-partijiet, bis-sempliċi fatt tal-kontinwazzjoni tax-xogħol u l-ħlas korrispondenti, riedu taċitament iġeddu patt aċċessorju li mill-bidu nett, kieku l-istess kondizzjonijiet kienu jeżistu, huma espressament ma kienux jagħmlu;

Huwa veru li dak iż-żmien kien għad biss hemm talba għall-kambjament taċ-ċitadinanza. u din kienet għadha ma ġietx konċessa; iżda b'dan kollu, l-ewwelnett hemm id-dikjarazzjoni ċara tal-attur li. kieku kien jaf mill-bidu bl-idea tal-konvenut li ibiddel iċ-ċittadinanza, il-kuntratt ma kienx jagħmlu; it-tieni nett, it-talba naturalment saret bis-serjetà u bil-konoxxenza tal-attur, u bl-isperanza li tiġi milqugħa. Fil-fatt il-proċedura ħadet żmien aktarx twil; imma dan ma kienx jiddependi mill-konvenut. Setgħet ġiet akkordata wisq aktar qabel u fi kwalunkwe każ il-fatt stess li kien

hemm talba pendenti, regolarment magħmula, kien fih innifsu aktarx ġa jimporta ċertu kambjament ta' rapporti mal-Awtoritajiet rigward ir-residenza f'Malta tal-konvenut bħala frustier. Infatti, għalkemm wara l-ewwel ta' Novembru 1957 ma reġà kien hemm ebda kuntratt ta' mpjeg "firmat" mal-attur, il-konvenut, aktarx għax kien hemm dik it-talba pendenti, tħalla jibqa' Malta bla ebda tfixkil, u tħalla jibqa' anki wara li spiċċa mill-impjeg mal-attur sakemm innaturalizzazzjoni ġiet mogħtija f'Novembru 1959;

It-tibdil fiċ-ċirkustanzi ġieb tibdil radikali fil-kontenut u l-portata tal-patt. Mentri fil-bidu l-patt ma kienx jimporta, kif ġa ntqal, ħlief illi l-konvenut jerġa lura f'pajjiżu, ħaġa li aktarx kien ikollu jagħmel irid jew ma jridx, issa l-patt kien ikun jimporta li l-konvenut jitlaq mill-pajjiż li għalieh, b'konoxxenza tal-attur, kien sejjer isir jappartjeni, fejn kellu l-mara u tifel li ma riedux joħorġu mill-pajjiż, u fejn hu manifestament kien iddetermina li jiffissa d-domiċilju tiegħu;

Verament, jista' anki jkun hemm dubju serju jekk patt li jimporta dan kienx ikun leċitu, u setgħax legalment isir fir-rinnovazzjoni tal-kuntratt. Hawn non si tratta verament ta' xi wieħed minn dawk il-pattijiet kontemplati mid-dottrina li, kif jingħad fis-sentenza appellata, jillimitaw l-attività lavorattiva jew industrijali ta' persuna għal żmien jew ċirkundarju determinat li meta ma jkunux irraġjonevoli jitqiesu validi (cfr. e.g. Baudry, Vol. XXI, §§ 1710, 1713). Hawnhekk il-patt ma għandux bħala oġġett dirett tiegħu x-xogħol jew l-industrija tal-persuna, u r-restrizzjoni mhijiex għad-disponibbilità tax-xogħol jew tal-industrija. L-oġġett dirett tiegħu hija l-persuna stess u l-libertà tagħha bħala persuna bil-kostrizzjoni li ssiefer u titlaq minn pajjiż. Hija ħaġa manifesta li hemm differenza ta' sostanza bejn patt, per eżempju, li jimpedixxi l-konvenut li ma jaħdemx is-sengħa tiegħu, jew ma jagħtix ix-xogħol tiegħu Malta għal sentejn u patt li hu stess jitlaq minn Malta għal sentejn. Iżda l-Qorti minħabba l-konklużjoni li waslet fiha kif hawn fuq, ma jidhrilhiex li hemm bżonn li tiddeċidi din il-kwistjoni;

Għal hekk din il-Qorti, bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti,

tirritjeni illi fiċ-ċirkustanzi mibdula u magħrufa anki mill-attur, il-patt in kwistjoni ma jistgħax jitqies li ġie mġedded tir-rinnovazzjoni taċita tal-kuntratt;

Appena hemm bżonn jingħad illi l-fatt li l-konvenut qabel għamel l-ewwel kuntratt kien tħajjar imur l-Awstralja, u wara li spiċċa mill-impjeg mal-attur tħajjar imur l-Ingilterra, ma għandu assolutament ebda rilevanza għall-finijiet tal-kwistjoni preżenti, fejn si tratta biss li jiġi eżaminat jekk ġiex imġedded bil-kunsens taċitu patt li kien iġiegħel lill-konvenut jitlaq minn Malta "kontra l-volontà tiegħu";

Għal dawn il-motivi, u dawk tas-sentenza appellata safejn kompatibbli din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.